MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1575/2001/1

**Mensija Trading Company Limited**

**vs**

**Bortex Clothing Industry Company Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,230.70c (elf mitejn u tletin lira Maltin u sebghin centezmu) rapprezentanti, in parti, bilanc ta' prezz ta' 'labels' li kienu gew mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghhom u, in parti, l-prezz tad-disinn u l-materjali uzati sabiex gew prodotti l-imsemmija 'labels' u dan kif jirrizulta ahjar mill-fatturi annessi ma' l-Avviz u mmarkati "Dok MT1" sa "Dok MT9" rispettivament.

Nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju 1998 "Dok MT10", hija baqghet inadempjenti.

Bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi u bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 1998 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante illi l-"garment labels" prodotti u kkonsenjati mis-socjeta' attrici rrizultaw illi la kienu tal-kwalita' pattwita u lanqas kienu idonei ghall-iskopijiet li ghalihom gew akkwistati, b'dan illi s-socjeta' eccipjenti soffriet danni ngenti, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' pagament mizmum mis-socjeta' eccipjenti huwa biss ta' Lm868.45 (tmien mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu) u ghalhekk l-ammont pretiz mis-socjeta' huwa eccessiv.

Sema' t-trattazzjoni w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi s-socjeta' attrici qed taghmel opposizzjoni stravaganti ghat-tip ta' eccezzjoni mressqa mis-socjeta' konvenuta biex tikkumbatti t-talba attrici.

Illi s-socjeta' attrici tikkontendi illi l-istess eccezzjoni kellha tkun meritu ta' kawza u gjudizzju separat quddiem il-Qorti kompetenti pero' mhux in via eccezzjonali quddiem dan it-Tribunal. L-eccezzjoni tikkoncerna kwalita pattwita u nuqqas ta' idoneita tal-oggett akkwistat.

Ictu oculi, dawn l-eccezzjonijiet di natura jirrikjedu investigazzjoni u ezami profond ta' dak li qed jigi allegat in difesa. Kif stabblit mill-istess Att li holoq dan it-Tribunal, il-

gjudizzju tieghu hija cirkoskritta ‘ab initio’. Dana gie anki enuncjat diversi drabi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Il-meritu ghandhu jkun kwisjonijiet ta’ flus , b’procedura sommarja li jigu maqtugha principalment skond il-lkmita’ fejn il-parametri legalistici jokkupaw posizzjoni nferjuri ghal dik normalment okkupata l-Qorti tal-Gustizzja.

It-Tribunal ma jistax ma jikkongratulax ruhu mal-konsulenti legali rispettivi tal-partijiet ghal mod professjonali w esudit u anki leali kif ittrattaw il-kaz u ssottomettew in-noti rispettivi taghhom ta’ osservazzjonijiet.

In vista tal-opposizzjoni maghmula, t-Tribunal ma jistax ma jakkoljix it-talba attrici.

B’dan pero’ it-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta tibqa mpregudikata.

Konsegwentement, it-Tribunal jipprefiggji terminu perentorju ta’ xahar sabiex is-socjeta’ konvenuta tkun tista tipprociedi quddiem il-Qorti kompetenti, u fin-nuqaqas, tghaddi biex tittratta l-istess tieni eccezzjoni.

Spejjez rizervati ghal gjudizzju finali.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**